

Anna Lindh: Il-vuċi tal-lżvezja favur l-Ewropa fix-xena dinjija (1957-2003)



Attiva fil-politika minn età żgħira, Ylva Anna Maria Lindh kienet waħda mill-aktar figuri influwenti fil-politika Żvedieża moderna.

Imwiela fl-1957, Lindh studjat il-liġi fl-Università ta' Uppsala qabel ma kisbet siġġu fil-Parlament fl-1982. L-ewwel kariga tal-kabinet, dik ta' Ministru għall-ambjent, ingħatathielha 12-il sena wara. Aktar tard saret magħrufa internazzjonalment bħala l-ministru tal-affarijiet barranin tal-lżvezja voċifera u impenjata.

Favur l-Ewropa b'konvinzjoni, Lindh żdiedet għal prominenza akbar matul il-presidenza tal-lżvezja tal-Unjoni Ewropea fl-2001 meta d-diplomazija tagħha għenet biex tiġi evitata gwerra f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Mexxiet il-kampanja "Yes" fil-gvern Żvedież fir-referendum biex tissieħeb fl-euro fl-2003, iżda nqatlet biss jiem qabel ma saret il-votazzjoni.

Żgħożija

Ylva Anna Maria Lindh, bint artist u għalliema, twieldet fid-19 ta' Ġunju 1957 f'Enskede, subborg ta' Stokkolma. Hājijtha fil-politika bdiet meta ngħaqdet maż-Żgħażaġħ Soċjal-Demokratiċi fl-età ta' 12-il sena qabel ma saret kelliema għall-kapitlu lokali tagħha meta kellha 13-il sena.

Matul is-snin li kienet qed tistudja l-liġi fl-Università ta' Uppsala, hija baqgħet attiva fil-politika. Wara li ggradwat u ħadmet għal sitt xhur f'qorti distrettwali, Anna rebħet l-ewwel siġġu fil-Parlament għad-Demokratiċi Soċjali fl-1982 u saret l-ewwel president mara taż-Żgħażaġħ Soċjal Demokratiċi Żvediezi fl-1984.

Wara li serviet bħala kunsillier għall-kultura fi Stokkolma mill-1991 sal-1994, Lindh inħatret ministru għall-ambjent. Kien f'din il-kariga li bdiet tagħmel isem għaliha mhux biss fil-politika naz-zjonali iżda wkoll fix-xena dinjija. Bħala attivista ftit li xejn beżgħet u ħaditha kontra ħafna kumpaniji internazzjonali għall-impatt ambjentali tagħhom.

Fix-xena dinjija

Fil-politika Żvedieża Lindh baqgħet tikseb popolarità biex b'hekk fl-1998 inħatret Ministru għall-Affarijiet Barranin fil-kabinet tal-Prim Ministru Goran Persson. Il-media laqqmitha "il-prinċipessa eredi ta' Persson" peress li kien qed jiġi preżunt li l-mexxej Żvedież kien qed irawwimha biex tkun is-suċċessur tiegħu kemm bħala kap tal-partit kif ukoll eventwalment bħala kap tal-pajjiż.

Anna kellha reputazzjoni li fi kliemha ma kinitx iddur mal-lewża u li kienet kritiku voċifera ta' pajjiżi oħra, inklużi ta' xi wħud mill-alleati tal-lżvezja, speċifikament f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem. F'Moska, ikkritikat b'mod serju l-azzjonijiet Russi fiċ-Ċeċenja; kienet sostenitriċi qawwija tas-soluzzjoni taż-żewġ stati fil-Lvant Nofsani u avversarju aħrax tal-politika tal-Prim Ministru Iżraeljan Ariel Sharon dwar il-Palestinjani.

Famuż baqa' l-kumment tagħha meta ddeskriviet lill-President George W. Bush bħala "lone ranger" meta dañal fil-gwerra kontra l-Iraq filwaqt li opponiet il-gwerra minħabba li n-Nazzjonijiet Uniti ma ssanzjonathie. Barra minn hekk, meta kienet f'Washington, hi kkritikat bl-añrax lill-Istati Uniti għat-trattament tal-priġunieri fil-Bajja ta' Guantanamo.

“Persuna tista’ tinqatel, iżda l-ideat ma jistgħux jinqatlu”

Silta mill-ewloġju ta' Anna Lindh għal Olof Palme waqt il-funeral tiegħu, fil-15 ta' Marzu 1986

Kampanja favur l-euro

Kienet il-kwistjoni tal-Ewropa li verament timla lil Lindh bil-passjoni politika. Hija kellha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-preżenza tal-lżvezja fl-Unjoni Ewropea hekk kif ippresediet il-laqqgħat tal-ministri għall-affarijiet barranin matul il-presidenza Żvediża tal-UE fl-2001. Meta fl-2001 kien hemm kunflitt imminenti f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (li issa saret il-Maċedonja ta' Fuq) Anna Lindh, bħala l-kap mibgħut tal-Ewropa, kienet strumentali biex tlaqqa' flimkien il-fergħat tal-politika barranija tal-UE normalment imbegħdin f'azzjoni armonizzata li għenet biex tiġi evitata l-gwerra.

Tul il-karriera tagħha, Lindh baqgħet b'mod qawwi favur l-Ewropa, filwaqt li serviet pajjiż li xi drabi kien xettiku fil-konfront tal-UE. F'Settembru 2003, hija kienet minn ta' quddiem

nett fil-kampanja referendarja tal-lżvezja dwar l-adozzjoni tal-euro. Lindh ħadmet kważi fulltime fil-kampanja filwaqt li tat diskorsi mqanqla, u saħansitra pperwadiet lill-kontropartijiet Griegi u Ġermaniżi tagħha, George Papandreou u Jenschka Fischer biex imorru l-lżvezja biex, bil-vuċi tagħhom, isostnu l-kampanja favur l-euro.

Mewt tragjika

Kienet tassew traġedja meta fl-10 ta' Settembru 2003 ġiet attakkata minn bniedem b'sikkina waqt li kienet qed tixtri fi stab-biliment kummerċjali ċentrali f'Stokkolma, il-ġurnata ta' qabel ma kienet se tiegħu sehem f'dibattitu fuq it-televiżjoni dwar ir-referendum, u tlett ijiem qabel ma sar ir-referendum. Hija mietet il-ġurnata ta' wara.

Fl-añħar mill-añħar, l-lżvezja rrifjutat l-euro b'vot ta' 55.9% kontra l-adozzjoni tal-munita unika u bi 42.0% tal-voti favur.

Il-wirt ta' Anna Lindh jibqa' ħaj permezz tal-inizjattivi u l-programmi stabbiliti biex jonorawha. Dawn jinkludu l-Fondazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh għad-Djalogu Bejn il-Kulturi, network ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ddedikati għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali fir-reġjun tal-Mediterran. Il-Premju Anna Lindh jingħata kull sena lil persuna jew lil istituzzjoni li għandha "il-kuraġġ li tiġġieled l-indifferenza, il-preġudizzju, l-oppresjoni u l-inġustizzji sabiex tiġi promossa ħajja tajba għall-persuni kollha f'ambjent ikkaratterizzat mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem". Fost dawk li rċevew dan il-premju fil-passat, kien hemm il-politiku u d-diplomatika Madeleine Albright tal-Istati Uniti, u Eren Keskin, l-avukat Tork tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdem dwar kwistjonijiet LGBT+, u dwar id-drittijiet tan-nisa u tar-refuġjati.